**23 ta' Ottubru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Andrew Bezzina

*versus*

Joseph Felice

**Senserija – Skrittura – Falsifikazzjoni ta'**

*L-attur fittex u rebaħ senserija. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens ukoll li ċaħdet l-eċċezzjoni li l-firem fl-iskrittura esebita ma kinux ġenwini.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li bi skrittura tat-28 ta' Frar, 1979 (Dok. A) il-konvenut obbliga ruħu illi jħallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2000) jekk l-istess konvenut ibigħ u jittrasferixxi biċċa art il-Mosta proprjetà tiegħu permezz ta' l-attur; u billi b'kuntratt in atti Nutar Tonio Spiteri tat-2 ta' Ottubru, 1979 (Dok. B) il-konvenut biegħ dina l-art u ċjoè porzjoni ta' art fabbrikabbli, msejjħa "tal-Pont" *sive* "ta' Santa Margerita" fil-kuntrada omonima, limiti tal-Mosta, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka ħames itmiem (5T) u peress li l-istess konvenut biegħ dina l-art bl-opera u xogħol ta' l-attur kif jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u billi l-konvenut qiegħed issa jirrifjuta li jħallas lill-attur is-somma li obbliga ruħu li jħallas għal xogħlu fl-ammont ta' Lm2000 kif stipulat fl-iskrittura hawn annessa Dokument "A", talab li l-konvenut: (1) jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2000) għal serviġi minnu reżi fil-bejgħ ta' l-art fuq imsemmija li tagħhom il-konvenut obbliga ruħu li jikkompensah bil-pagament ta' l-imsemmija somma kif skond l-annessa skrittura mmarkata Dokument "A"; bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru, 1979 u bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-kuntratt u ċjoè mit-2 ta' Ottubru, 1979;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa;

(1) li l-iskrittura esebita mill-attur hi falza, u l-ftehim hemm riportat qatt ma sar, lanqas verbalment;

(2) li kien sar verament ftehim bil-miktub dwar senserija, bejn il-konvenut min-naħa 'l waħda, u l-attur u sensal ieħor, illum mejjet, min-naħa l-oħra, imma l-kondizzjonijiet hemm

magħmula ma sehħux;

(3) illi anke l-veru ftehim sussegwentement ġie varjat minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi, u jekk l-attur għandu xi drfitt dan hu limitat għall-ammont ta' Lm200 (mitejn lira);

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta' Ottubru, 1985 li biha dik il-Qorti, prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut wara li kkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' Lm2000 għal serviġi reżi minnu fil-bejgħ ta' art u dan a bażi ta' l-iskrittura Dok. A a folio 4. Min-naħa tiegħu l-konvenut qed jiċħad li hu ffirma l-istess skrittura. Illi l-Periti fuq indikati, wara li investigaw il-kwistjonijiet involuti fil-kawża, waslu għall-konklużjoni li:

(1) Illi mill-eżami u studju tekniku magħmul tal-firma bil-kliem "Joseph Felice" li tidher fuq in-naħa tax-xellug fil-qiegħ ta' l-iskrittura tat-28 ta' Frar, 1979 (Dok. "A") jirriżulta din il-firma ma ġiex iffalsifikata jew trasportata fuq din l-iskrittura minn dokument jew firma oħra, iżda hija firma awtentika tal-konvenut;

(2) Illi indipendentement mill-premess jirriżulta sodisfaċentement mill-provi li hija aktar verosimili u attendibbili l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-attur li għandu jiġi emnut meta sostna li l-konvenut kien għamel il-firma tiegħu fuq l-

imsemmija skrittura fil-presenza tiegħu u ta' Joseph Saliba;

(3) Konsegwentement il-konvenut għandu jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' Lm2000 (elfejn lira Maltija) skond kif hemm stipulat fl-imsemmija skrittura;

Illi l-konsulent legali tal-konvenut ikkritika dawn il-konklużjonijiet permezz ta' nota ta' osservazzjonijiet li tinsab riepilogata hekk:

(1) l-oneru tal-provi hu fuq min jallega;

(2) l-attur allega ftehim ibbażat fuq l-iskrittura li esebixxa;

(3) Billi din ma kinitx awtentika u l-konvenut iddikjara li l-*firma* tiegħu fuqha hi falza, ma hemmx presunzjoni ta' awtentiċità (art. 634 u 635 Kodiċi Proċedura) u għalhekk l-attur ma setax uża din l-iskrittura bħala prova tal-ftehim qabel ma jipprova l-awtentiċità tagħha;

(4) Kemm il-perizja teknika, kif ukoll dik ibbażata fuq ix-xhieda, iħallu wisq dubju biex jista' jingħad li l-*onus probandi inkombenti* fuq l-attur ġie sodisfatt;

Illi jidher ċar li l-ewwel tliet sottomissjonijiet imsemmija huma korretti. Hu veru wkoll li hemm konflitt serju bejn ix-xhieda ta' l-attur u tal-konvenut dwar l-awtentiċità ta' l-imsemmija skrittura. Infatti, fil-waqt li l-attur xehed li din l-iskrittura ġiet iffirmata mill-konvenut (li wkoll kiteb il-kelma "*five*" fil-ħames vers – ċirkostanza li tidher li ġiet injorata mill-Periti) fil-presenza tiegħu, il-konvenut jiċħad li qatt iffirma dik l-iskrittura u saret l-allegazzjoni li jew ġiet iffalsifikata u miktuba

minn persuna oħra jew ġiet ttrasportata fuq dak id-dokument minn firma ġenwina tal-konvenut magħmula fuq dokument ieħor;

Illi l-Perit Legali bl-assistenza tal-Perit Kalligrafu eżaminaw sewwa din l-allegazzjoni u in bażi ta' l-istudju u l-eżami tekniku li għamlu tal-firma sospetta u l-konfront magħmul rigward forma, qies, struttura, formazzjoni ta' l-ittri u fatturi oħra li ġew dettaljatament indikati fir-rapport bejn il-firma sospetta u l-firem ġenwini tal-konvenut, l-istess periti kkonkludew li fil-fehma kkonsiderata tagħhom il-firma fuq l-iskrittura (Dok. A) tat-28 ta' Frar, 1979 ma ġietx iffalsifikata jew trasportata minn dokument jew firma oħra iżda hija firma awtentika tal-konvenut. L-isttess periti mbagħad, fuq bażi ta' attendibilità u verosimiljanzi għażlu l-verżjoni li ta l-attur bħala dik aktar kredibbli;

Illi affaċċjat b'din il-prova li rnexxielu jagħmel l-attur permezz tal-Periti msemmija huwa sempliċement għażel li jissottometti nota ta' osservazzjonijiet u kritika għar-rapport peritali. La għamel użu mid-dritt li tagħtih il-liġi li jeskuti l-periti u lanqas talab li jiġu nnominati periti addizzjonali dwar l-aspett kalligrafu;

Illi huwa veru li skond l-artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha, però f'dan il-każ il-Qorti tħoss li ma tistax ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Periti għax ir-raġunamenti assennati u eżawrjenti tagħhom huma biżżejjed konvinċenti;

Mill-banda l-oħra, il-kritika li ssottometta l-konvenut għar-rapport peritali u l-istrateġemma li adopera meta ppreżenta skrittura dikjaratament falza (a *folio 111 tal-proċess*) li tixbah sewwa lid-Dok. A biex jipprova *jxejjen il-konklużjoni* tal-perit kalligrafu, ma wasslux biex ibiddlu l-*konvinċiment* tal-Qorti dwar il-fondatezza tal-konklużjonijiet peritali;

Illi l-Qorti, wara li vvaljat iċ-ċirkostanzi kollha, hi tal-fehma li l-provi huma biżżejjed konvinċenti biex jikkrejaw fl-Imħallef sedenti dik iċ-ċertezza morali (bbażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet) li l-attur irnexxielu jissostanzja t-talba tiegħu u dan għar-raġunijiet indikati fir-relazzjoni peritali *li qegħdin jiġu* addottati;

Rat in-nota ta' l-appell *tal*-konvenut Joseph Felice ppreżentata fl-1 ta' Novembru, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Joseph Felice ppreżentata fid-19 ta' Novembru, 1985, li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta' Ottubru, 1985, u ċjoè tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attur, *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu*;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu kompendjati b'dan il-mod. L-attur qiegħed jippretendi li l-konvenut għandu jħallsu s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) bħala senserija in konnessjoni ma' bejgħ ta' biċċa art il-Mosta u dana a bażi ta' dokument iddatat 28 ta' Frar, 1979 (Dok. A a fol. 4 tal-proċess) u ffirmat mill-konvenut. Min-naħa tiegħu l-konvenut qiegħed jiċħad li qatt iffirma l-imsemmi dokument jew li ntrabat li jħallas l-imsemmija somma. L-ewwel Qorti nnominat espert kalligrafu kif ukoll perit legali u dawn ikkonkludew li l-firma tal-konvenut fuq l-imsemmi dokument la ġiet iffalsifikata u lanqas trasportata iżda hija firma awtentika tiegħu u illi, apparti minn dana, il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-attur li l-konvenut kien għamel il-firma tiegħu fuq l-imsemmi dokument kienet iżjed verosimili u attendibbli minn dak tal-konvenut. L-ewwel Qorti abbraċċat din il-konklużjoni;

Il-konvenut issa qiegħed jappella u qiegħed jissottometti li l-ewwel Qorti injorat l-kritika li hu għamel dwar in-nuqqasijiet li hemm fl-imsemmija perizja billi qalet li l-konvenut għażel biss li jagħmel nota ta' kritika u ma eskutiex il-periti u lanqas talab periti addizzjonali. L-għażla ta' mezz flok ieħor – ikompli jissottometti l-appellant – ma tista' qatt tittieħed bħala xi ammissjoni tal-pretensjonijiet tal-parti l-oħra jew qbil mal-konklużjonijiet tal-periti;

L-ewwel sottomissjoni tal-konvenut fuq imsemmija però fil-fehma tal-Qorti m'hix fondata. Għalkemm huwa veru li l-ewwel Qorti qalet li meta ġie affaċċat bil-prova tal-perizja l-konvenut sempliċement għażel li jissottometti nota ta' kritika u ma għamilx użu mid-dritt li tagħtih il-liġi li jeskuti l-periti jew li jitlob li jiġu nnominati periti addizzjonali dwar l-aspett kalligrafu, dan ma jfissirx kif qiegħed jippretendi l-konvenut li l-ewwel Qorti injorat

in-nota ta' kritika tiegħu. Dik il-Qorti espressament qalet fis-sentenza appellata li l-kritika li ssottometta l-konvenut għar-rapport peritali u l-istrateġemma li adopera meta ppreżentata skrittura dikjaratament falza (fol. 111) ma wassluhiex biex tbiddel il-konvinċiment tagħha dwar il-fondatezza tal-konklużjoni peritali. Jidher ċar għalhekk li l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-imsemmija nota ta' kritika iżda din in-nota, fil-fehma tagħha, ma kinitx biżżejjed biex iġġagħla biex tiddipartixxi mill-konklużjoni peritali;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti wkoll li wieħed ma jistax jaċċetta l-korrettezza tal-perizja billi l-maġġor parti ta' l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku, favur il-ġenwinità tal-firma huma kkwalifikati tant li mill-istess perizja iżjed jirriżultaw disparitajiet bejn il-firma kkontestata u dawk ġenwini milli somiljanzi;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa n-nota elaborata u studjata tal-konvenut f'dan ir-rigward kif ukoll ir-rapport peritali u, wara li ħasbitha fit-tul, ma tarax li għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni peritali. Hemm similjanzi sostanzjali biżżejjed bejn il-firma fuq id-Dokument A fuq imsemmi u l-firem, li l-awtentiċità tagħhom m'hix ikkontestata, biex iwasslu lill-Qorti biex taċċetta l-konklużjoni peritali dwar l-aspett tekniku tal-kwistjoni quddiem il-Qorti. Il-varjazzjonijiet li jeżistu, li huma varjazzajonijiet naturali fuq l-istess tema, – dak li l-periti sejħu "*master pattern*", – m'humiex tali li minħabba fihom il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni peritali;

Il-Qorti tixtieq iżżid ukoll li hija taqbel mal-periti li, apparti

l-aspett tekniku, hemm provi biżżejjed biex iwassluha biex taċċetta l-konklużjoni tagħhom li a bażi tal-provi l-verżjoni ta' l-attur hija ferm iżjed attendibbli u verosimili. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li hemm diskrepanza rilevanti bejn id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut li akkompanjat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u dak li xehed fil-kors tal-kawża. Fil-waqt li fid-dikjarazzjoni tiegħu jgħid li kienet saret skrittura oħra (mhux id-Dokument A) fis-sens li titħallas bħala senserija s-somma ta' Lm2000 jekk l-art tinbiegħ għall-prezz ta' Lm20,000 pagabbli fuq l-att, li meta sar jaf li l-prezz kien se jkun inqas minn dak antiċipat huwa ma riedx ibigħ u li l-attur ipperswadih biex jagħmel il-kuntratt u naturalment sar ftehim ġdid dwar is-senserija u l-attur għamel dikjarazzjoni li hu jieħu biss mitejn lira Maltija (Lm200), – fid-disposizzjoni tiegħu (fol. 19 u 93) il-konvenut jgħid li l-iskrittura li ffirma kienet tgħid li jekk il-prezz ikun anqas minn Lm20,000, kien iħallas biss Lm2000 bħala senserija. Id-diskrepanza hija ovvja – fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu l-ftehim tal-ħlas ta' Lm200 bħala senserija fil-każ li l-prezz ikun inqas minn Lm20,000 ma ġiex inkorporat fl-iskrittura li jgħid li ffirma iżda sar wara meta fil-fatt il-prezz ottenut kien anqas minn dak antiċipat, mentri skond id-deposizzjoni tiegħu, il-ftehim dwar il-mitejn lira Maltija (Lm200) sar fl-Iskrittura li jgħid li ffirma;

Il-Qorti ma tistax ma tagħmilx ukoll din il-mistoqsija: għaliex il-konvenut malli ġie ppubllikat il-kuntratt offra li jħallas Lm1000 senserija meta skond hu (sija jekk nieħdu verżjoni waħda tiegħu sija jekk nieħdu verżjoni oħra) kien hemm ftehim li jħallas biss Lm200. Jekk kellu ftehim simili ma' l-attur, għaliex ma offriex Lm200 skond il-ftehim? Ċertament l-ispjegazzjoni li l-konvenut ta li hu offra Lm1000 biex jirranġa l-affari għaliex l-attur beda jgħid li kellu karta (fol. 19) u biex jaqtgħu l-kwistjoni

u ma joqogħdux jikkummidjaw (fol. 93) hija deboli ħafna;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.